MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 689/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Farrugia Mamo**

**VS**

**Olaf Cini iben Louis u Elvira nee' Attard, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Lulju, 1960, residenti fil-fond numru 42, Ghajn Dwieli Street, Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 539560M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Olaf Cini** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni b'firem tal-ufficjali tal-bank tal-APS u persuni ohra, u timbri foloz tal-Bank APS fuq dokumenti bankarji u kummercjali; u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi, jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra kemm bankarji kif ukoll kummercjali li meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm10,000.00 bi hsara ta' Dennis Burke, Hamilton Travel Ltd, Alfred Sammut, Anthony Ghio, u diversi persuni ohra, bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli hu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, datata 17.02.1997; u talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata

17.02.1997, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
L-Artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 49, 50, 31, 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi a folio 203 l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat:

Rat l-atti kollha tal-kawza, u kkonsidrat illi verament dawn twalu inutilment. Rat illi fil-fatt, nonostante differimenti ghal dan, il-Prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghas-smiegh ta' xhieda bil-procedura ta' Ittri Rogatorji, u ddikjarat illi kien jonqosha zewg xhieda. Aktar tard pero, iddikkjarat illi kienet qed taghlaq il-provi.

Rat illi anke minn naha tad-Difiza, ittiehed hafna zmien biex tressqu u jaghlqu l-provi taghhom. Tela' anke jixhed fit-tul l-imputat. Detto dan kollu, wara li l-Qorti b'pacenzja, semghet l-ispjegazzjonijiet fit-tul talli hu ma kellux jinstab hati; anzi anke refa' l-htija tal-akkuzi u rregistra ammissjoni, u anke talab illi jigi redatt Pre-Sentencing Report - dan, milqugha t-talba, gie prezentat a folio 391.

Rat dan il-Pre-Sentencing Report, illi l-Qorti bla tlaqlieq tghid illi sabet inkwetanti ghaliex allura, minn hawn trid bil-fors tikkonkludi li sal-lum, Cini ma tghallem xejn u ma jridx jitghallem!!

Il-Qorti, fil-konsiderazzjoni tal-piena, nonostante l-ammissjoni, rat anke x-xhieda prodotta dwar l-investigazzjoni tas-Supritendent Mamo dwar allegazzjoni li gew sekwestrati mart u iben Cini biex b'hekk jigu rilaxxati flus minn bank Svizzeru. Spjegat anke l-istess Supritendent l-akkadut kwazi Oliwudjan biex waslet ghall-arrest ta' Cini, anke uzu ta' helicopters tal-AFM.

Spjegat l-istess investigatur, dwar dak li rrizultalha mill-investigazzjonijiet taghha fuq il-frodi pperpetrata mill-imputat.

Xehed per ezempju Ivan Grech f'isem Hamilton Travel, dwar biljett tal-ajru moghti lill-imputat, pero mhux imhallas, meta hu gabar l-istess f'isem Ray Avallone ta' Ray's Car Hire. Dan it-ticket kien mahrug fuq certu Anthony Ghio.

Alfred Sammut, minn naha tieghu xehed dwar flus illi hareg bhala plegg ghall-imputat; flus li tah biex jinvesti fi proprjeta' u minhabba martu u skola tat-tfal. Dan, mistoqsi ghaliex baqa' jaghti l-flus lill-imputat, kien wiegeb ghax kienu suppost ser jaghmlu kumpanija flimkien. Qal illi almenu tah circa Lm6,700.00, u li bil-mod 'il mod jaghti dawn il-flus lill-imputat, dawn ghosfru. Xehed anke dwar il-fatt illi l-imputat kien jghidlu li kien ser jigbor il-flus mill-APS Bank, tant illi kien igieghlu jixtri basket biex igorru l-flus li qatt ma waslu.

Tony Ghio xehed dwar business li ghamel mal-imputat, brokering ta' zokkor. Semma li kellhom kuntratt insinwat ghas-somma ta' $1,140,000. Talbu ghalhekk Cini jmur Geneva jigbidlu xi bankers cheque biex ihallsu. Tfakkar anke l-Qorti dwar dak illi xehdet l-Ufficjal Prosekutur illi din l-investigazzjoni bdiet minn telefonata mill-Bank Svizzeru, fejn spicca arrestat dan Ghio ghax prezenta prokura li tah Cini.

Dennis Burke, minn naha tieghu xehed dwar cheques illi gew misruqa lil Ray Avallone, li tahom lilu Olaf Cini. Kien l-istess Ray Avallone skondtu li ghamel stop payment fuq dawn ic-cheques. Xehed dan dwar ir-raggiri li ghaddew minn idejn l-imputat li sahansitra baghtu barra f'bank gewwa Geneva fuq pretensjonijiet foloz, dan biex l-istess xhud jigbor flusu dejjem dovuti lilu mill-imputat.

Issa l-Qorti, tenfasizza li ghamlet ezami tista' tghid xott u ta' fuq fuq tax-xhieda mismugha, dwar il-frodi rizultanti. Fil-fatt, qari approfondit tax-xhieda, jaghti stampa cara hafna tal-intricci varji tal-imputat, u kif irnexxielu jiehu eluf ta' flus mill-vittmi msemmija fl-akkuza.

Dan l-ezami hafif, il-Qorti ghamlitu biss mhux ghax ma taccettax l-ammissjoni tal-imputat, imma ghaliex l-imputat, skont ma jirrizulta mill-Pre-Sentencing Report, donnu qed jammetti dawn l-akkuzi biss mhux ghax fehem illi b'ghemilu ghamel hazin, imma ghax irid jehles minn dawn il-proceduri. Donnu jinsa l-imputat li dawn il-proceduri ttawlu **<u>biss u unikament</u>** minn naha tieghu. Bizzejjed wiehed ihares lejn it-tul ta' zmien – snin, illi hadet id-Difiza biex tressq il-provi taghha!!

Illi detto tutto cio', din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll illi l-imputat huwa recidiv, rat il-fedina penali aggornata tieghu, rat mill-istess illi l-imputat baqa' jikkommetti l-istess reati, u li fil-fatt ma jitghallem qatt!!

Rat ukoll l-Artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkunsidrat dak li qalu l-partijiet fit-trattazzzjonijiet taghhom dwar il-piena, u tikkundanna lil Olaf Cini ghal piena karcerarja effettiva ta' tlitt(3) snin u nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------